IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2012
COM(2012) 721 final

2012/0340 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 401 final}
{SWD(2012) 402 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni jippreżenta b'aktar dettall il-proposta għal Direttiva ġdida bil-għan li tqarreb il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku.

Id-Direttiva tappoġġja lill-Istati Membri fil-qadi tal-impenji nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-internet, kif ukoll l-impenji tagħhom mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Jeddijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà fir-rigward tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku.

L-aċċessibbiltà għall-internet tirreferi għall-prinċipji u t-tekniki li għandhom jiġu osservati meta jinbnew is-siti elettroniċi, sabiex il-kontenut ta' dawn is-siti jrenduh aċċessibbli għall-utenti kollha, b'mod partikolari dawk b'diżabbiltà[1].

1.1. Għanijiet u kontenut tal-proposta

Fl-2009, is-suq tal-iżvilupp ta' siti elettroniċi kien jikkonsisti f'madwar 175 000 intrapriża fis-27 Stat Membru tal-UE. Fl-istess sena, dan is-suq kellu madwar miljun impjegat, u l-fatturat totali kien ta' EUR 144 biljun[2].

Is-suq Ewropew tal-prodotti u s-servizzi marbutin mal-aċċessibbiltà tal-internet huwa stmat li jammonta għal EUR 2 biljun. Baqagħlu ħafna x'jikber, billi inqas minn 10 % mis-siti elettroniċi huma aċċessibbli. L-għadd ta' ċittadini b'limitazzjonijiet funzjonali jew b'diżabbiltà (15 % tal-popolazzjoni tal-UE b'età xierqa biex jaħdmu, jiġifieri 80 miljun ruħ) jista' jiżdied b'mod sinifikanti hekk kif il-popolazzjoni tal-Unjoni tibqa' tixjieħ.

L-aċċessibbiltà tal-internet hija tal-ikbar importanza għall-entitajiet tas-settur pubbliku, biex ikunu jistgħu jilħqu aktar nies u jlaħħqu mad-dmirijiet pubbliċi tagħhom. L-għadd ta' siti elettroniċi li jipprovdu servizzi ta' gvern elettroniku (madwar 380 500 fl-UE), u l-għadd ta' siti elettroniċi tas-settur pubbliku (aktar minn 761 000 fl-UE), qed jikbru b'ritmu mgħaġġel. Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri sal-lum diġà daħħlu leġiżlazzjoni fis-seħħ, jew ħadu miżuri oħra, dwar l-aċċessibbiltà tal-internet. Madankollu, baqa' differenzi sinifikanti fost dawn il-liġijiet u miżuri.

In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-approċċi nazzjonali għall-aċċessibbiltà tal-internet joħloq xkiel għas-suq intern. Il-forniturи li joperaw b'mod transfruntier iħabbtu wiċċhom ma' kostijiet addizzjonali ta' produzzjoni. Il-kompetizzjoni, il-kompetittività, u t-tkabbir ekonomiku jinsabu mxekkla għaliex l-intrapriżi, b'mod partikulari l-SMEs, huma sajma mill-għarfien u l-kapaċità meħtieġa biex ilaħħqu mal-ispeċifikazzjonijiet u l-proċeduri kollha meħtieġa.

---

[1] Skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Jeddijiet tal-Persuni b'diżabbiltà, il-persuni b'diżabilità jinkludu dawk li, tul perjodu twil, għandhom limitazzjonijiet fiżiċi, mentali, intellettwali jew sensorjali, li flimkien ma' diversi ostakli jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà bl-istess kundizzjonijiet ta' ħaddieħor.

[2] Is-suq tal-iżvilupp ta' siti elettroniċi ġie kkalkulat bħala s-somma tal-attivitajiet ekonomiċi, NACE Rev. 2 klassijiet J6201 – Attivitajiet ta' programmar informatiku u J6312 – Portali tal-internet. Sors: Eurostat, "Annual detailed enterprise statistics for services" (NACE Rev.2 H-N u S95), kodiċi ta' dejta onlajn sbs_na_1a_se_r2.

L-awtoritajiet nazzjonali u n-negozjanti jaffaċċaw ċerti inċertezzi fir-rigward tal-għażla ta' speċifikazzjonijiet għall-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi għal servizzi potenzjalment transfruntieri, kif ukoll fir-rigward tal-qafas ta' politika l-aktar xieraq għall-aċċessibbiltà tal-internet.

L-armonizzazzjoni tal-miżuri nazzjonali għas-settur pubbliku fuq il-livell tal-UE qiegħda tiġi pproposta bħala kundizzjoni meħtieġa biex jisparixxu l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' fiduċja fis-suq tal-aċċessibbiltà tal-internet.

Din id-Direttiva tindirizza s-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku, għaliex l-entitajiet tas-settur pubbliku jipprovdu tagħrif u servizzi li huma essenzjali għaċ-ċittadini, u għaliex l-infiq pubbliku nnifsu jista' joħloq suq li jkun diġà sikur u ta' daqs sostanzjali għall-iżviluppaturi ta' siti elettroniċi.

Ġew ivvalutati l-kostijiet tal-konformità għall-amministrazzjonijiet, u ġie konkluż li l-benefiċċji jaqbżu dawn l-istess kostijiet.

Billi l-iżviluppaturi ta' websajts huma mħeġġa jiksbu ekonomiji ta' skala, din il-miżura għandha tikkontribwixxi biex toħloq kaskata ta' effetti li jqabbdu 'l xulxin wieħed wara l-ieħor. Dan il-proċess għandu jibda bil-websajts kollha l-oħra tas-settur pubbliku.

L-armonizzazzjoni għandha twassal lejn kundizzjonijiet aħjar fis-suq, aċċessibbiltà orħos tal-internet, u siti elettroniċi iktar aċċessibbli: tliet benefiċċji, jew tliet rebħiet f'daqqa għall-gvernijiet, għan-negozji, u fuq kollox, għaċ-ċittadini.

1.2. Sfond tekniku

Partijiet interessati mad-dinja kollha llum jużaw, b'mod wiesa', is-Success Criteria and Requirements for Conformance Level AA (Kriterji ta' Suċċess u Rekwiżiti ta' Konformità, Livell AA) tal-verżjoni 2.0 tal-Linjigwida għall-Aċċessibbiltà tal-Kontenut fuq l-Internet (WCAG 2.0), maħruġin mill-World Wide Web Consortium (W3C)[3].

Standard Ewropew li jinkludi l-aċċessibbiltà tal-internet, konformi mad-WCAG 2.0 (inkluż l-użu tiegħu fuq il-livell AA, flimkien ma' metodi assoċjati ta' verifika tal-konformità), bħalissa qiegħed jitħejja fil-qafas tal-mandat tal-Kummissjoni M/376 għall-Organizzazzjonijiet ta' Standardizzazzjoni Ewropej CEN, CENELEC u ETSI. Standard armonizzat li jipprovdi l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet stipulati f'din id-Direttiva għandu jissejjes fuq ir-riżultat ta' din il-ħidma.

L-istandard internazzjonali ISO/IEC 40500:2012[4] dwar l-aċċessibbiltà tal-internet ġie adottat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni u mill-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC). L-istandard ISO/IEC 40500:2012 huwa eżattament identiku għad-WCAG 2.0 oriġinali.

1.3. Kuntest politiku

Hemm ħafna inizjattivi ta' politika fuq il-livell Ewropew marbutin mal-aċċessibbiltà tal-internet: l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020 (l-aċċessibbiltà tal-ICT); il-Pjan ta'

[3] Sors: http://www.w3.org/WAI/

[4] http://www.iso.org/iso/iso_catalogue/catalogue_tc/catalogue_detail.htm?csnumber=58625

Azzjoni għall-Gvern elettroniku 2011-2015 (servizzi inklużivi u aċċessibbli ta' gvern elettroniku); l-"Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (il-Kummissjoni tipproponi li tiżgura li sal-2015, is-siti elettroniċi tas-settur pubbliku jkunu aċċessibbli għalkollox); u programmi ta' finanzjament tal-UE (FP7 u CIP) li jsostnu r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-aċċessibbiltà tal-internet. L-aċċessibbiltà tal-internet se tiġi xprunata wkoll mir-reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

1.4. Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Jeddijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (UNCPRD)[5] jobbliga lill-Istati Membri u lill-UE jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw l-aċċess tal-persuni b'diżabbiltà, b'kundizzjonijiet indaqs ma' ħaddieħor, għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż l-internet, fost l-oħrajn. Din id-Direttiva tkun tiżgura l-użu effiċjenti tal-istandard armonizzat għall-aċċessibbiltà tal-internet li għandu jissejjes fuq ir-riżultat tal-mandat tal-Kummissjoni M/376[6].

Il-firxa tal-proposta ta' hawn isfel hija limitata għas-servizzi onlajn ibbażati fuq siti elettroniċi, ipprovduti minn entitajiet tas-settur pubbliku.

Il-proposta hija parti minn sinerġija mal-Att Ewropew tal-Aċċessibbiltà (EAA)[7], li bħalissa qiegħed jitħejja, u li jindirizza l-aċċessibbiltà tal-prodotti u s-servizzi, inklużi l-ICTs. Billi jiffoka fuq is-settur privat, dan l-EAA, soġġett għar-riżultat tal-Valutazzjoni tal-Impatt li għaddejja bħalissa, se jiffaċilita t-twettiq tal-impenn għall-aċċessibbiltà sħiħa tas-siti elettroniċi kif meħud mill-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, u se jiżgura wkoll l-aċċessibbiltà ta' siti elettroniċi tas-settur privat minn fornituri ta' servizzi bażiċi liċ-ċittadini. Dawn is-siti elettroniċi joffru informazzjoni u interazzjoni, eż. għall-ikkuntrattar, għall-ibbukkjar, għall-fatturat u għall-ħlas, kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ jew għajnuna.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati

Saru għadd ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u studji, indirizzati għall-Istati Membri, l-industrija u s-soċjetà ċivili, biex ġew identifikati l-problemi u l-bżonnijiet:

– Valutazzjoni komparattiva (benchmarking study) 2010-2011, "Monitoring eAccessibility"[8].

– L-istudju "Economic Assessment for Improving e-Accessibility Services and Products"[9]. Workshops dwar l-aċċessibbiltà tal-internet (2008)[10].

---

5 http://www.un.org/disabilities/default.asp?id=150

6 http://www.mandate376.eu/

7 http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/docs/2012_just_025_european_accessibiliy_act_en.pdf

8 Dan l-istudju (prodott fl-2008 bħala SMART 2008/0066) iproduċa żewġ rapporti annwali, fl-2010 u fl-2011. (http://www.eaccessibility-monitoring.eu/researchResult.aspx)

9 SMART 2009/00-72: **http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/study-economic-assessment-and-evaluation-recommendations-improving-e-accessibility-services-and**

10 http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/consultation-workshop-web-accessibility-10-june-2008

– Konsultazzjoni pubblika permezz tal-pjattaforma interattiva tal-Kummissjoni "Your voice" (2008)[11].

– Stħarriġ dwar "Web-accessibility in European countries"[12].

– Valutazzjoni komparattiva “Measuring Progress of eAccessibility in Europe” (2006 - 2008)[13].

– Gruppi ta' esperti tal-Istati Membri dwar l-"inklużjoni-e", u l-"Komunikazzjonijiet Inklużivi"[14].

– Konsultazzjonijiet diretti u laqgħat ma' rappreżentanti ta’ organizzazzjonijiet ewlenin tas-soċjetà ċivili, bħall-Forum Ewropew tad-Diżabbiltà u l-Unjoni Ewropea għall-Għomja, l-AGE u l-ANEC, kif ukoll ma' industriji tas-software u assoċjazzjoni industrijali Ewropea[15].

2.2. Valutazzjoni tal-impatt

Twaqqaf grupp ta' Tmexxija għal Valutazzjoni tal-Impatt, immexxi mid-Direttorat Ġenerali għas-Soċjetà tal-Informatika u l-Midja, b'rappreżentanza wiesgħa ta’ servizzi u dipartimenti varji tal-Kummissjoni. Dawn kienu jinkludu s-Servizz Legali, is-Segretarjat Ġenerali, u DĠs tal-Komunikazzjoni; tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji; tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni; tal-Intrapriża u l-Industrija; Eurostat; tas-Saħħa u l-Konsumaturi; tal-Informatika; tas-Suq Intern u s-Servizzi; u tal-Ġustizzja. Il-Grupp ta’ Tmexxija kellu l-għan li janalizza u jiddiskuti l-kwistjonijiet u l-perspettivi differenti marbutin ma' din il-proposta.

Il-verżjoni finali tal-Valutazzjoni tal-Impatt tiġbor ir-risposti għar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

L-Artikolu 114(1)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

3.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika safejn il-kwistjonijiet indirizzati minn din il-proposta jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b’mod adegwat mill-Istati Membri b'mod

---

11 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2008:0804:FIN:MT:PDF

12 "Web-accessibility in European countries: level of compliance with latest international accessibility specifications, notably WCAG 2.0, and approaches or plans to implement those specifications” (SMART 2008/0068). http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/study-report-web-accessibility-european-countries-level-compliance-latest-international

13 Valutazzjoni komparattiva 2006-2008 – “Measuring Progress of eAccessibility in Europe” (MEAC-1). Ara: Empirica, WRC, RNIB, RNID, eWORX (2007), http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/assessment-status-eaccessibility-europe

14 http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/groups-supporting-e-inclusion-agenda

15 European Information & Communications Technology Industry Association.

indiviwali minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

Il-proposta tkopri aspetti tranżnazzjonali li ma jistgħux jiġi indirizzati minn azzjonijiet tal-Istati Membri b'mod individwali. L-azzjonijiet fuq il-livell nazzjonali ma jkunux biżżejjed biex jitqarrbu l-miżuri nazzjonali jew biex issir implimentazzjoni koordinata ta' approċċ armonizzat. Dan huwa kkonfermat mill-istudji u mill-konsultazzjonijiet li saru.

Id-differenzi bejn approċċ nazzjonali u ieħor ixekklu u jtaqqlu l-isforzi tal-kumpaniji li jippruvaw jaġixxu b'mod transfruntier. Dan jillimita l-wisa' għal suq pubbliku matur għal prodotti u servizzi ta' aċċessibbiltà tal-internet, u jaf jimponi limiti fuq il-mobbiltà ta' dawk iċ-ċittadini li jużaw teknoloġiji b'assistenza.

Jinkiseb użu aktar effiċjenti tar-riżorsi jekk jiddaħħlu rekwiżiti armonizzati, u bil-parteċipazzjoni fi skema ta' kooperazzjoni għall-kondiviżjoni tal-prassi t-tajba, tal-għarfien espert, u tar-risposti għall-iżviluppi teknoloġiċi.

3.3. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-prinċipju tal-proporzjonalità jiġi osservat billi l-proposta tinżamm limitata għal lista minima ta' (tipi ta') siti elettroniċi, sabiex l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jtawlu l-istess lista.

Barra minn hekk, parametri sinifikanti ta' implimentazzjoni, bħall-għażla tal-awtorità li għandha tkun responsabbli għall-verifika tal-konformità, jitħallew f'idejn l-Istati Membri.

3.4. Proposta

Artikolu 1 – Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Id-Direttiva għandha l-għan li tqarreb il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku, billi tiddefinixxi rekwiżiti armonizzati.

Il-proposta tistipula d-dispożizzjonijiet tekniċi li bihom l-Istati Membri jridu jrendu aċċessibbli l-kontenut ta' ċerti tipi ta' siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku (minn hawn 'il quddiem imsemmija "is-siti elettroniċi kkonċernati"). It-tipi ta' websajts elenkati jinkludu tagħrif u servizzi pprovduti mill-entitajiet tas-settur pubbliku, li huma essenzjali għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fis-soċjetà u fl-ekonomija, kif ukoll għat-tgawdija u l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE. Tali lista hija misluta mill-eżerċizzjoni ta' valutazzjoni komparattiva tal-gvern elettroniku (2001), u hija pprovduta fl-Anness[16].

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jtawlu din il-lista ta' tipi ta' siti elettroniċi.

Artikolu 2 – Definizzjonijiet

Id-Direttiva tiċċara ċerti termini marbutin mas-siti elettroniċi, mal-istandards u mal-entitajiet tas-settur pubbliku. It-terminoloġija marbuta mal-kontenut tal-internet u mal-interfaċċa tal-utenti hija simili għal dik tad-W3C, fil-kuntest tal-Inizjattiva għall-Aċċessibbiltà tal-Internet tagħha (Web Accessibility Initiative) u bi qbil mal-abbozz ta' standard mill-Mandat 376.

Artikolu 3 – Rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet

[16] http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/egovernment-indicators-benchmarking-eeurope

Ir-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet huma ddefiniti skont żewġ linji:

– L-orjentament tal-utenti.

– L-orjentament tas-suq u l-interoperabbiltà.

Billi r-rekwiżiti x'aktarx jinbidlu minħabba evoluzzjonijiet teknoloġiċi u soċjali dejjem iktar profondi u li jitolbu ċertu impenn, il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati biex tkun tista' tkompli tispeċifika, fejn xieraq, ir-rekwiżiti armonizzati meħtieġa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi kkonċernati.

Sabiex jinkisbu malajr ċerti impenji attwali ta' politika, id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq iridu jiġi implimentati sal-31 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 4 - Standards armonizzati u preżunzjoni tal-konformità

Din id-Direttiva hija bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE kif ukoll id-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Deċiżjoni 87/95/KEE u d-Deċiżjoni 1673/2006/KE li tistabbilixxi bażi legali biex il-Kummissjoni titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jiżviluppaw standards armonizzati sabiex jgħinu lill-partijiet interessati jipprovdu l-preżunzjoni tal-konformità. Ir-referenza għal dawn l-istandards tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'indikazzjoni, fejn xieraq, tal-għażliet li għandhom jiġu osservati meta jiġu applikati tali standards.

Fi premessa minnhom, id-Direttiva tindika li s-Success Criteria and Requirements for Level AA Conformance, speċifikati fil-verżjoni 2.0 tal-Linjigwida għall-Aċċessibbiltà tal-Kontenut fuq l-Internet (WCAG 2.0) maħruġa mill-World Wide Web Consortium (W3C), mistennija li jitqiesu fl-istandard li jirriżulta mill-Mandat 376, kif ukoll, wara dan, fil-istandard armonizzati li għandu jissejjes fuq ir-riżultat ta' din il-ħidma. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet newtri għat-teknoloġija jipprovdu s-sisien għar-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet.

Artikolu 5 - Standards Ewropej u internazzjonali u preżunzjoni tal-konformità

Fin-nuqqas ta' standards armonizzati, id-Direttiva tipprovdi soluzzjoni għall-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-internet, lil dawk is-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu standards Ewropej jew partijiet minnhom li jkunu ġew iddeterminati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ddelegati. Il-Mandat 376 qed iħejji Standard Ewropew li jinkludi l-aċċessibbiltà tal-internet.

Fin-nuqqas ta' tali standard Ewropew, id-Direttiva tipprovdi soluzzjoni wkoll għall-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet, għas-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu dawk il-partijiet tal-istandard ISO/IEC 40500:2012 li jkopru l-Kriterji tas-Suċċess u r-Rekwiżiti tal-Konformità għall-konformità tal-livell AA.

Artikolu 6 – Miżuri addizzjonali

Jeħtieġu miżuri addizzjonali li jikkontribwixxu lejn is-sensibilizzazzjoni, l-istabbiliment ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni, u t-tkabbir tas-suq.

L-Istati Membri huma mitluba jiffaċilitaw l-estensjoni tal-aċċessibbiltà tal-internet għal siti elettroniċi ta' entitajiet tas-settur pubbliku differenti minn dawk ikkonċernati, billi dan jgħaġġel it-tkabbir tas-suq kif ukoll il-kisba tal-aċċessibbiltà tal-internet għaċ-ċittadini tal-UE.

Artikolu 7 – Rappurtar

L-aċċessibbiltà ta' sit elettroniku għandu jiġi mmonitorjat b'mod kontinwu, fid-dawl tal-aġġornamenti regolari li jsiru fil-kontenut ta' fuq l-internet. L-Istati Membri huma mitluba jimmonitorjaw is-siti elettroniċi kkonċernati tal-entitajiet tas-settur pubbliku, bl-użu tal-metodoloġija stabbilita mill-Kummissjoni skont il-proċedura stipulata fid-Direttiva. Dik il-metodoloġija se tuża proċeduri u approċċi ta' valutazzjoni teknika mill-istandard armonizzat, fejn disponibbli u fejn xieraq, u se tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istati Membri jkunu ħielsa li jorganizzaw mekkaniżmu xieraq għal dawn il-verifiki, billi jaħtru lill-awtoritajiet responsabbli.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport annwali dwar ir-riżultati ta' tali monitoraġġ. Tali rapporti għandhom jinkludu wkoll l-estensjoni possibbli tal-lista tat-tipi ta' siti elettroniċi kkonċernati, kif ukoll kull miżura addizzjonali li tkun ittieħdet skont l-Artikolu 6.

L-arranġamenti biex l-Istati Membri jibagħtu rapport lill-Kummissjoni għandhom ikunu ddeterminati skont il-proċedura indikata f'din id-Direttiva.

Artikolu 8 - Eżerċizzju ta' delega

Id-Direttiva tinkludi d-dispożizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, li jippermetti lil-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv. Tali proċedura tkun tintuża sabiex tkompli tispeċifika r-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet stipulati fid-Direttiva, kif indikati fl-Artikolu 3, u sabiex jiġi ddeterminat l-istandard Ewropew, u partijiet minnu, li jipprovdi l-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet għas-siti elettroniċi kkonċernati li jilħquhom.

Artikolu 9 – Kumitat

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Isiru referenzi għall-proċeduri, ta' konsultazzjoni jew ta' eżami, li jiġu applikati b'distinzjoni skont l-Artikoli ta' din id-Direttiva.

Artikolu 10 – Traspożizzjoni

Id-Direttiva tistipula d-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-30 ta' Ġunju 2014.

Artikolu 11 – Reviżjoni

Għandha ssir reviżjoni tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tagħha.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din id-Direttiva ma jkollha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-Unjoni.

2012/0340 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[17],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[18],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ix-xejra lejn soċjetà diġitali tagħti lill-utenti mezzi ġodda biex jaċċessaw l-informazzjoni u s-servizzi. Il-forniturі ta' informazzjoni u ta' servizzi, bħall-entitajiet tas-settur pubbliku, jiddependu dejjem iktar mill-internet sabiex jipproduċu, jiġbru u jipprovdu firxa wiesgħa ta' informazzjoni u servizzi fuq l-internet, li huma essenzjali għall-pubbliku.

(2) L-"aċċessibbiltà tal-internet" tirreferi għall-prinċipji u t-tekniki li għandhom jiġu osservati fil-bini ta' siti elettroniċi, bil-għan li l-kontenut ta' tali siti elettroniċi isir aċċessibbli għall-utenti kollha, b'mod partikulari l-persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabbiltà. Il-kontenut tas-siti elettroniċi jinkludi informazzjoni testwali kif ukoll mhux testwali, minbarra t-tniżżil ta' formoli u l-interazzjoni f'żewġ direzzjonijiet, ngħidu aħna, l-ipproċessar ta' formoli diġitali, l-awtentikazzjoni, u tranżazzjonijiet bħall-ġestjoni ta' kazijiet u ħlasijiet.

(3) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Gvern Elettroniku 2011-2015[19] isejjaħ għal azzjoni biex jiġu żviluppati servizzi ta' gvern elettroniku li jiżguraw l-inklużività u l-aċċessibbiltà.

[17] ĠU C 110/26, 9.5.2006 / (COM(2005) 425 finali).
[18] ĠU C 009, 11.1.2012, p. 65-70.

(4) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Aġenda Diġitali għall-Ewropa"[20], il-Kummissjoni ħabbret li, sal-2015, is-siti elettroniċi tas-settur pubbliku għandhom ikunu aċċessibbli bis-sħiħ.

(5) Il-Programm ta' Qafas tar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u d-Demostrazzjoni[21], u l-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni[22], jappoġġaw ir-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-problemi tal-aċċessibbiltà.

(6) Bir-ratifikazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Jeddijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà ("il-Konvenzjoni tan-NU"), il-maġġoranza tal-Istati Membri, flimkien mal-Unjoni, intrabru li "jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jaċċessaw, b'kundizzjonijiet indaqs ma' ħaddieħor, teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, fost l-oħrajn", kif ukoll li "jieħdu l-miżuri meħtieġa [...] biex jippromwovu l-aċċess tal-persuni b'diżabbiltà għal teknoloġiji u sistemi ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż l-internet."

(7) L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020[23] tibni fuq il-Konvenzjoni tan-UN, u tinkludi azzjonijiet f'għadd ta' oqsma prijoritarji, inkluża l-aċċessibbiltà tal-internet, bil-għan li "tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, inklużi s-servizzi pubbliċi u t-tagħmir ta' assistenza għall-persuni b'diżabbiltà."

(8) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni[24], jinkludi ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-aċċessibbiltà tal-ICTs. Madankollu, ma jindirizzax l-ispeċifiċitajiet tal-aċċessibbiltà tal-internet.

(9) Is-suq tal-aċċessibbiltà tal-internet, li qed jikber b'ritmu mgħaġġel, jinkludi firxa ta' operaturi ekonomiċi, bħal dawk li jiżviluppaw websajts jew għodda tas-software biex joħolqu, jiġġestixxu u jittestjaw paġni elettroniċi, jiżviluppaw aġenti għall-utenti bħal browsers tal-internet u teknoloġiji relatati ta' assistenza, jimplimentaw servizzi ta' ċertifikazzjoni, u jipprovdu taħriġ.

(10) Għadd ta' Stati Membri adottaw miżuri msejsa fuq linjigwida użati internazzjonalment għad-disinn ta' websajts aċċessibbli, iżda l-gwida pprovduta tirreferi ta' sikwit għal verżjonijiet differenti jew għal livelli differenti ta' konformità ma' dawk l-istess linjigwida, jew inkella ġew introdotti varjazzjonijiet teknoloġiċi fuq il-livell nazzjonali.

(11) Il-fornituri tal-aċċessibbiltà tal-internet jinkludu għadd kbir ta' intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Il-fornituri, u l-SMEs b'mod partikulari, huma skoraġġuti milli jidħlu fi proġetti ta' negozji 'l barra mis-swieq nazzjonali tagħhom. Minħabba d-differenzi fl-ispeċifikazzjonijiet u r-regolamenti tal-aċċessibbiltà tal-internet, il-kompetittività u t-tkabbir tagħhom jixxekklu mill-kostijiet addizzjonali li jkunu jġarrbu fl-iżvilupp u fil-

---

19 COM(2010) 743 finali – Mhux ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
20 COM(2010) 245 finali/2.
21 ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1-43.
22 ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15-40.
23 COM(2010) 636 finali – Mhux ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
24 ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi marbutin mal-aċċessibbiltà ta’ siti elettroniċi transfruntieri.

(12) Ix-xerrejja tal-websajts u ta' prodotti u servizzi relatati jħabbtu wiċċhom ma' prezzijiet għaljin fl-għoti ta' servizz, jew ma' dipendenza minn fornitur wieħed, minħabba kompetizzjoni limitata. Il-forniturі spiss jiffavorixxu varjazzjonijiet ta’ "standards" proprjetarji, fatt li jfixkel il-possibbiltà ta' firxa usa' fil-futur għall-interoperabbiltà ta' aġenti għall-utenti, kif ukoll l-aċċess mal-Unjoni kollha għall-kontenut ta' siti elettroniċi. Il-frammentazzjoni fost ir-regolamenti nazzjonali tnaqqas il-benefiċċji li jistgħu jirriżultaw mill-kondiviżjoni ta' esperjenzi ma' pari nazzjonali u internazzjonali fir-risposta tagħhom għall-iżviluppi soċjetali u teknoloġiċi.

(13) Biex tisparixxi tali frammentazzjoni, jeħtieġ li jitqarrbu l-miżuri nazzjonali fuq il-livell tal-Unjoni, abbażi ta' ftehim dwar ir-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà għall-websajts tal-entitajiet tas-settur pubbliku. Dan għandu jnaqqas l-inċertezza għall-iżviluppaturi ta’ websajts, u għandu jrawwem l-interoperabbiltà. Bl-użu ta' rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà li jkunu teknoloġikament newtrali, mhijiex ser tkun imfixkla l-innovazzjoni, anzi għandha mnejn tiġi stimulata.

(14) Approċċ armonizzat għandu jippermetti wkoll lill-entitajiet tas-settur pubblikuu lill-intrapriżi tal-UE jiksbu benefiċċji soċjali u ekonomiċi mit-twessigħ tal-għoti ta' servizzi onlajn biex jinkludi lil iktar ċittadini u konsumaturi. Dan għandu jżid il-potenzjal tas-suq intern għal prodotti u servizzi ta’ aċċessibbiltà tal-internet. It-tkabbir tas-suq li jirriżulta minn dan għandu jippermetti lill-impriżi jikkontribwixxu lejn il-ħolqien tal-impjieg u t-tkabbir ekonomiku fi ħdan l-Unjoni. Billi jissaħħaħ is-suq intern, l-investiment fl-Unjoni jsir aktar attraenti. Il-gvernijiet jistgħu jibbenefikaw minn forniment orħos tal-aċċessibbiltà tal-internet.

(15) Iċ-ċittadini għandhom igawdu minn aċċess usa' għal servizzi onlajn tas-settur pubbliku, u għandhom jirċievu servizzi u informazzjoni li jiffaċilitaw l-eżerċizzju u t-tgawdija ta' jeddijiethom mal-Unjoni kollha, speċifikament il-jedd li jiċċaqalqu u jgħixu bil-libertà kollha fit-territorju tal-Unjoni, kif ukoll il-libertà ta' stabbiliment u tal-forniment ta' servizzi.

(16) Ir-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà tal-internet iddefiniti f'din id-Direttiva huma teknoloġikament newtrali. Jindikaw biss liema funzjonalitajiet bażiċi għandhom jiġu sodisfati biex l-utent ikunu jista' jipperċipixxi, jopera jew jifhem sit elettroniku u l-kontenut tiegħu. Ma jispeċifikawx kif dan għandu jinkiseb, jew liema teknoloġija għandha tintgħażel għal websajt partikulari, informazzjoni partikulari, jew applikazzjoni partikulari. Minnhom infushom dawn ma jfixklux l-innovazzjoni.

(17) L-interoperabbiltà marbuta mal-aċċessibbiltà tal-internet għandha tissejjes fuq speċifikazzjonijiet adottati u użati b'mod komuni, li jkattru kemm jista' jkun il-kompatibbiltà tal-kontenut ta' siti elettroniċi ma' aġenti għall-utenti attwali u tal-futur, kif ukoll ma' teknoloġiji ta' assistenza. B'mod aktar speċifiku, il-kontenut ta’ sit elettroniku għandu jipprovdi lill-aġenti għall-utenti b'kodifikazzjoni interna komuni ta’ lingwaġġ naturali, strutturi, relazzjonijiet u sekwenzi, kif ukoll bid-dejta ta' kwalunkwe komponent integrat ta' interfaċċa għall-utenti. Għaldaqstant, l-interoperabbiltà tibbenefika lill-utenti, billi tippermettilhom iħaddmu l-aġenti għall-utenti tagħhom b'mod ubikwu biex jaċċessaw siti elettroniċi: jistgħu jgawdu wkoll minn għażla usa' u minn prezzijiet imnaqqsa mal-Unjoni kollha. L-interoperabbiltà

tkun tibbenefika wkoll lill-fornituri u lix-xerrejja tal-prodotti u s-servizzi relatati mal-aċċessibbiltà tal-internet.

(18) Kif inhu ssottolinjat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropea, l-awtoritajiet pubbliċu għandhom jaqdu r-rwol tagħhom fil-promozzjoni tas-swieq għall-kontenut onlajn. Il-gvernijiet jistgħu jistimulaw is-swieq tal-kontenut billi jrendu l-informazzjoni tas-settur pubbliku disponibbli f'termini ta' trasparenza, effikaċja u nondiskriminazzjoni. Din hija għajn importanti ta' tkabbir potenzjali ta' servizzi onlajn innovattivi.

(19) Id-Direttiva għandha timmira li tiżgura li ċerti tipi ta' siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku li huma essenzjali għall-pubbliku jsiru aċċessibbli għalih, skont rekwiżiti komuni. Tali tipi ta' siti elettroniċi ġew identifikati fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-gvern elettroniku fl-2001[25], u ġew użati bħala bażi għal-lista mogħtija fl-Anness.

(20) Din id-Direttiva tistipula rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-internet għal ċerti tipi ta' siti elettroniċi ta' entitajiet tas-settur pubbliku. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tas-siti elettroniċi kkonċernati ma' dawk ir-rekwiżiti, jeħtieġ li tkun ipprovduta l-preżunzjoni tal-konformità għas-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu standards armonizzati li jiġu adottati u ppubblikati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Deċiżjoni 87/95/KEE u d-Deċiżjoni 1673/2006/KE, bil-għan li jiġu espressi speċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati għal dawk ir-rekwiżiti. Skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew għandu jkollhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għall-istandards armonizzati li jqisu li ma jilħqux bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet stipulati f'din id-Direttiva.

(21) Il-Kummissjoni diġà ħarġet il-Mandat M/376[26] lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, biex jiżviluppaw standard armonizzat li jispeċifika r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà funzjonali għall-prodotti u s-servizzi tal-ICT, inkluż il-kontenut ta' siti elettroniċi, li jistgħu jintużaw fl-akkwist pubbliku, kif ukoll għal finijiet oħra bħall-akkwist fis-settur privat. Għal dan il-għan, l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni huma mitluba jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib ma' fora u konsorzji rilevanti ta' standards industrijali, inkluż il-World Wide Web Consortium (W3C/WAI). Standard armonizzat li jkun jipprovdi l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet stipulati f'din id-Direttiva għandu jissejjes fuq ir-riżultat ta' din il-ħidma.

(22) Sakemm ir-referenzi ta' tali standard armonizzat jew partijiet minnu ma jiġix ippubblikati, il-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet għandha tingħata għas-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu l-istandards Ewropej jew parti minnhom, kif ikun ġie ddeterminat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ddelegati. Kandidat minnhom jista' jkun l-istandard Ewropew li għandu jiġi adottat abbażi tal-mandat M/376.

---

25 http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/egovernment-indicators-benchmarking-eeurope

26 http://www.mandate376.eu

(23) Fin-nuqqas ta’ tali standard Ewropew, il-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet għandha tingħata għas-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu dawk il-partijiet tal-istandard internazzjonali ISO/IEC 40500:2012 li jkopru l-Kriterji ta’ Suċċess u r-Rekwiżiti tal-Konformità għall-konformità tal-livell AA. L-istandard ISO/IEC 40500:2012 huwa eżattament identiku għall-Web Content Accessibility Guidelines (WCAG) 2.0 oriġinali. Is-Success Criteria and Requirements for Level AA conformance, speċifikati għall-paġni elettroniċi fil-verżjoni 2.0 tal-Linjigwida għall-Aċċessibbiltà tal-Kontenut fuq l-Internet (WCAG 2.0) mid-W3C, huma rikonoxxuti b'mod wiesa' minn partijiet interessati, kemm fuq il-livell Ewropew kif ukoll fuq dak internazzjonali, li jipprovdu l-bażi għal speċifikazzjonijiet xierqa ta' aċċessibbiltà tal-internet. Dan saħqu fuqu l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Soċjetà ta' Informazzjoni Aċċessibbli[27].

(24) Il-konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet għandha tiġi mmonitorjata b'mod kontinwu sa mill-bini inizjali tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku, u tul l-aġġornamenti kollha sussegwenti tal-kontenut tagħhom. Metodoloġija armonizzata ta’ monitoraġġ tista' tkopri mod ta’ verifika, fuq bażi uniformi fl-Istati Membri kollha, tal-grad ta’ konformità tas-sit elettroniku mir-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tiegħu, il-ġbir ta' kampjuni rappreżentattivi, u l-perjodiċità tal-monitoraġġ. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport kull sena dwar ir-riżultat tal-monitoraġġ, u b'mod aktar ġenerali dwar il-lista ta’ azzjonijiet li jkunu ttieħdu fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.

(25) F'qafas armonizzat, l-industrija tal-ħolqien u l-iżvilupp ta' websajts għandha taffaċċja inqas xkiel biex topera fis-suq intern, filwaqt li għandhom jitnaqqsu l-kostijiet għall-gvernijiet u għal oħrajn biex jitolbu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ta' aċċessibbiltà tal-internet.

(26) Sabiex jiġi żgurat li s-siti elettroniċi kkonċernati jsiru aċċessibbli skont ir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet stipulati b'din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex tkun tista' tkompli tispeċifika, fejn meħtieġ, dawn ir-rekwiżi, u biex tiddetermina l-istandard Ewropew, jew il-partijiet minnu, li fin-nuqqas ta’ standards armonizzati jkunu jipprovdu l-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet għas-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu tali standard jew partijiet minnu. Huwa ta’ importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq il-livell ta’ esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f’waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(27) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ta’ din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandu tingħatalha setgħat ta’ implimentazzjoni. Il-proċedura ta’ eżami għandha tintuża għad-definizzjoni tal-metodoloġija li l-Istati Membri għandhom jużaw għall-monitoraġġ tal-konformità tas-siti elettroniċi kkonċernati ma' dawk ir-rekwiżiti. Għandha tintuża l-proċedura konsultattiva għad-determinazzjoni tal-modalitajiet li skonthom l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' tali monitoraġġ. Dawn is-

[27] http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/trans/107014.pdf

setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

(28) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri, l-istabbiliment ta' suq uniku għall-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, għaliex jirrikjedi l-armonizzazzjoni ta' għadd kbir ta' regoli differenti li bħalissa jeżistu fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, u għaldaqstant jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TFUE. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan imsemmi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva timmira li tqarreb il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-kontenut tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku għall-utenti kollha, b'mod partikulari l-persuni b'limitazzjonijiet funzjonali, inklużi l-persuni b'diżabbiltà.
2. Tistipula r-regoli li skonthom l-Istati Membri għandhom irendu aċċessibbli l-kontenut tas-siti elettroniċi ta' entitajiet tas-settur pubbliku, li t-tipi tagħhom huma speċifikati fl-Anness.
3. L-Istati Membri jistgħu jwessgħu l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal tipi oħra ta' siti elettroniċi, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Siti elettroniċi kkonċernati" tfisser dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' din id-Direttiva.

(2) "Kontenut ta' siti elettroniċi" tfisser l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata lill-utent permezz ta' aġent għall-utenti, inkluż kodiċi jew mark-up li jiddefinixxu l-istruttura, il-preżentazzjoni u l-interazzjonijiet tal-kontenut.

(3) "Aġent għall-utenti" tfisser kwalunkwe software li jiġbor u jippreżenta l-kontenut ta' sit elettroniku għall-utenti, inklużi brawżers, riprodutturi ta' midja, plug-ins, u programmi oħra li jgħinu fil-ġbir, fil-preżentazzjoni u fl-interazzjoni mal-kontenut fuq sit elettroniku.

(4) "Standard" tfisser speċifikazzjoni teknika, approvata minn korp rikonoxxut tal-istandardizzazzjoni, għal applikazzjoni mtennija jew kontinwa, li l-konformità magħha mhix obbligatorja kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

(5) "Standard internazzjonali" tfisser standard adottat minn korp internazzjonali tal-istandardizzazzjoni, kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

(6) "Standard Ewropew" tfisser standard adottat minn korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni, kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

(7) "Standard armonizzat" tfisser standard Ewropew adottat abbażi ta' talba mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

(8) "Entità tas-settur pubbliku" tfisser l-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, il-korpi regolati b'liġi pubblika, kif iddefinit fl-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2004/18/KE, u assoċjazzjonijiet magħmulin minn awtorità waħda jew iktar ta' dan it-tip, jew minn korp wieħed jew iktar ta' dan it-tip, irregolati b'liġi pubblika.

Artikolu 3

Rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-siti elettroniċi kkonċernati jsiru aċċessibbli:

   (a) b'mod konsistenti u adegwat għall-perċezzjoni, l-operat u l-fehim tal-utenti, inkluż bl-adattabbiltà tal-preżentazzjoni u tal-interazzjoni tal-kontenut, bl-għoti, fejn meħtieġ, ta' alternattiva elettronika aċċessibbli;

   (b) b'mod li jiffaċilita l-interoperabbiltà ma' varjetà ta' aġenti għall-utenti u teknoloġiji ta' assistenza fuq il-livell tal-Unjoni u internazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015.
6. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8, biex tkompli tispeċifika, fejn xieraq, ir-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet imsemmijin fl-paragrafu 1.

Artikolu 4

Preżunzjoni ta' konformità mal-istandards armonizzati

1. Is-siti elettroniċi kkonċernati li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, imfassla u ppubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-internet koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, kif stabbilit fl-Artikolu 3(1).

Artikolu 5

Preżunzjoni ta' konformità mal-istandards Ewropej jew internazzjonali

1. Sakemm ir-referenzi tal-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 4 ma jkunux ġew ippubblikati, is-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu l-istandards Ewropej jew il-partijiet minnhom li jkunu ġew iddeterminat skont il-paragrafu 2, għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet koperti minn dawk l-istess standards jew partijiet minnhom, kif inhu stipulat fl-Artikolu 3.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 8, biex tiddetermina l-istandards Ewropej jew partijiet minnhom imsemmijin fl-paragrafu 1.
3. Sakemm ir-referenzi tal-istandards Ewropej imsemmija fil-paragrafu 1 jkunu għadhom ma ġewx iddeterminati, is-siti elettroniċi kkonċernati li jilħqu l-partijiet tal-istandard ISO/IEC 40500:2012 li jkopru l-Kriterji ta' Suċċess u r-Rekwiżiti ta' Konformità għall-konformità tal-Livell AA, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet stipulati fl-Artikolu 3.

Artikolu 6

Miżuri addizzjonali

1. L-Istati Membri għandhom iħeġġu li s-siti elettroniċi ikkonċernati jipprovdu dikjarazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tagħhom, b'mod partikulari dwar il-konformità tagħhom ma' din id-Direttiva, u x'aktarx b'informazzjoni addizzjonali dwar l-aċċessibbiltà b'appoġġ lill-utenti.
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet, kif iddefinit fl-Artikolu 3, għas-siti elettroniċi kollha tal-entitajiet tas-settur pubbliku lil hinn minn dawk ikkonċernati, b'mod partikulari, għas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku koperti minn liġijiet nazzjonali jew miżuri relevanti dwar l-aċċessibbiltà tal-internet.
3. L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw mekkaniżmi xierqa għal konsultazzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi ma' partijiet interessati relevanti, u għandhom jippubblikaw kull żvilupp fil-politika tal-aċċessibbiltà tal-internet, flimkien mal-esperjenzi u s-sejbiet mill-implimentazzjoni tal-konformità tar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà tal-internet.
4. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw fuq il-livell tal-Unjoni ma' partijiet interessati tal-industrija u tas-soċjetà ċivili, b'faċilitazzjoni mill-Kummissjoni, bil-għan li jiġu rriveduti, f'rapport annwali kif imsemmi fl-Artikolu 7(4), l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, kif ukoll il-progress li jkun sar fl-aċċessibbiltà tal-internet, u bil-għan ta' skambju tal-aqwa prassi.

Artikolu 7

Monitoraġġ u rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-websajts ikkonċernati mar-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet b'mod kontinwu, bl-użu tal-metodoloġija pprovduta fil-paragrafu 4.
2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport kull sena dwar ir-riżultat tal-monitoraġġ li jkun sar skont il-paragrafu 4, inkluża d-dejta ta' kejl, u fejn xieraq, il-lista tas-siti elettroniċi msemmija fl-Artikolu 1(3).
3. Dan ir-rapport għandu jkopri wkoll l-azzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 6.
4. Il-Kummissjoni, b'atti ta' implimentazzjoni, għandha tistabblixxi l-metodoloġiji għall-monitoraġġ tal-konformità tas-siti elettroniċi kkonċernati mar-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet kif stipulati fl-Artikolu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(3). Dik il-metodoloġija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
5. Il-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi:

   (c) ir-regolarità tal-monitoraġġ u tat-teħid ta' kampjuni tas-siti elettroniċi kkonċernati li għandhom ikunu soġġetti għall-monitoraġġ; kif ukoll

   (d) fuq il-livell tas-sit elettroniku, id-deskrizzjoni ta' kif għandha tiġi ddemostrata l-konformità mar-rekwiżiti għall-aċċessibbiltà tal-internet imsemmija fl-Artikolu 3, b'referenzi diretti - fejn disponibbli - għad-deskrizzjonijiet rilevanti fl-istandard armonizzat, jew fin-nuqqas tagħhom, fl-istandards Ewropej jew internazzjonali msemmija fl-Artikoli 4 u 5 rispettivament.

6. L-arranġamenti għar-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9(2).

Artikolu 8

Eżerċizzju tad-delega

7. Il-Kummissjoni għandhom jingħatawlha s-setgħat li tadotta l-atti delegati, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
8. Is-setgħat għall-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 3 u 5 għandhom jingħataw għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
9. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 3 u 5 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha tolqot il-validità tal-ebda att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.
10. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

11. Att iddelegat skont l-Artikoli 3 u 5 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 9

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Tali kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 10

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-30 ta' Ġunju 2014. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza simili fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 11

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ tagħha.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 13

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS

Tipi ta’ siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku

(kif imsemmi fl-Artikolu 1(2))

(1) Taxxi fuq id-dħul: dikjarazzjoni, notifika tal-evalwazzjoni

(2) Servizzi ta’ tiftix ta’ impjieg minn uffiċċji tal-impjieg

(3) Benefiċċji tas-sigurtà soċjali: benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji għat-tfal, spejjeż mediċi (rimbors jew saldu dirett), stipendji jew għotjiet għall-istudenti

(4) Dokumenti personali: passaporti jew liċenzji tas-sewqan

(5) Reġistrazzjoni ta’ vetturi

(6) Applikazzjoni għall-permess ta’ bini

(7) Dikjarazzjoni lill-pulizija, eż. fil-każ ta’ serq

(8) Libreriji pubbliċi, eż. katalgi u għodda għat-tiftix

(9) Talba u twassil ta’ ċertifikati tat-twelid jew taż-żwieġ

(10) Reġistrazzjoni f'edukazzjoni għolja jew f'università

(11) Notifika ta' bidla fir-residenza

(12) Servizzi marbutin mas-saħħa: tagħrif interattiv dwar id-disponibbiltà ta' servizzi, servizzi onlajn għall-pazjenti, appuntamenti.